**Qorti tal-Appell Kriminali**

**(Sede Superjuri)**

**Onor. Prim Imħallef Dr. Mark Chetcuti LL.D.**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Ammissjoni Numru: 1/2020**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Abdelsalam Rawad Briga**

Illum is-26 ta' Mejju 2021.

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Rawad Briga Abdelsalam, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja talli fit-28 ta' Awwissu, 2016, għall-ħabta tal-4:20 ta' filgħodu, ġewwa Sqaq Lourdes ġewwa San Ġiljan :

i. Dolożament bil-ħsieb li joqtol lil Mariel Agius, jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta' bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt billi ta daqqa ta' strument li jaqta' jew iniggeż f'għonq l-istess Mariel

Agius, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaga aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu;

ii. Ikkommetta serq ta' *hand bag* kontenenti telefon ċellulari tal-għamla Apple kif ukoll għoxrin Ewro fi flus kontanti (€20) għad-dannu ta' Justina Seinkiewicz u/jew persuni oħra liema serq huwa kwalifikat bil-vjolenza, bil–valur u bil-ħin.

iii. Ikkaġuna offiża gravi fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Mariel Agius, liema offiża ġabet sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-istess Mariel Agius; liema offiża ġiet magħmula b'arma regolari, inkella bi strument li jaqta' jew iniggeż;

iv. Filwaqt li kien qed jagħmel reat ieħor kontra l-persuna (minbarra omiċidju involontarju jew offiża involontarja fuq il–persuna) jew ta' serq jew ħsara fil-proprjeta' (minbarra ħsara involontarja fil-proprjeta') kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti;

v. Volontarjament, kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'għajjat u/jew ġlied;

vi. Ġarr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija;

vii. Irrenda ruħu reċidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta permezz ta' diversi sentenzi mogħtija lilu liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mħassra jew mibdula.

**2.** Rat il-verbal tal-20 ta' Jannar, 2020 reġistrat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fejn l-akkużat allura imputat Rawad Briga Abdelsalam ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

**3.** Rat il-verbal tal-udjenza tat-22 ta' Jannar, 2020 reġistrat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fejn l-akkużat ikkonferma tali ammissjoni anke wara li l-Qorti reġgħet spjegatlu x'piena hija prospettata għar-reati lilu addebitati.

**4.** Rat l-ordni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja kif reġistrata fil-verbal tat-22 ta' Jannar, 2020 li bih ai termini tal-artikolu 392B(1) tal-Kodiċi Kriminali, fid-dawl tal-ammissjoni reġistrata mill-akkużat ordnat li l-atti tal-

kumpilazzjoni jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali u li r-Reġistratur ta' din il-Qorti jkun notifikat b'din l-ammissjoni.

**5.** Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali ppreżentata fir-reġistru tal-Qorti Kriminali fis-27 ta' Jannar, 2020 li biha ddikjara li *ai termini* tal-artikolu 392B(2) tal-Kap IX tal-Liġijiet ta' Malta, l-imputazzjonijiet kif addebitati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja u li għalihom l-imputat rreġistra l-ammissjoni, għandhom jitqiesu bħala Att ta' Akkuża għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

**6.** Rat ir-rikors konġunt tal-Avukat Ġenerali u tal-akkużat Rawad Briga Abdelsalam, preżentat fir-Reġistru tal-Qorti Kriminali fit-3 ta' Frar, 2020 fit-termini tal-artikolu 392B(5)(a) tal-Kodiċi Kriminali fejn iddikjaraw illi qegħdin jaqblu u konsegwentement qegħdin jitolbu lil-Qorti Kriminali sabiex timponi fuq il-ħati Rawad Briga Abdelsalam piena ta' priġunerija effettiva għal perjodu ta' ħmistax (15)–il sena, u dan oltre kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza oħra konsegwenzjali għad-dikjarazzjoni u sejbien ta' ħtija, ai termini tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Armi (Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta) kif ukoll tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta), inkluż il-ħlas ta' kwalsiasi spejjeż peritali inkorsi waqt dawn il-proċeduri.

7. Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tas-17 ta' Frar, 2020, fejn konsegwenti għall-ammissjoni tiegħu il-Qorti sabet lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Fl-erogazjoni tal-piena, dik il-Qorti iddikjarat ruħha mhux aderenti għall-aħħar mar-rikors konġunt tal-Avukat Ġenerali u l-akkużat fejn konsegwentement ma kienetx qed taqbel mal-piena kif maqbula bejn il-partijiet, u dan "wara li ħadet in konsiderazzjoni l-piena mogħtija f'kawżi kriminali sia lokalment kif ukoll fl-esteru kif ukoll l-effett li dan id-delitt ħalla fuq waħda mill-vittmi Mariel Agius li spjegat lill-Qorti t-trawma li dan l-attentat ħalla fuq ħajjitha apparti l-offiżi permanenti fuqha".

**8**. Rat illi l-Qorti Kriminali wara li rat l- artikoli 17(b), 41(1)(a), 49, 50, 211, 214, 217, 218(1)(b), 61(a)(c)(f), 262(1)(a)(b), 267, 270, 273, 274(a), 277(a), 279(a), 289, 338(dd) tal-Kap. 9; u 6, 51(7) u 55(a) tal-Kap. 480 kif ukoll l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta in vista tal-ammissjoni reġistrata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fl-22 ta' Jannar, 2020, iddikjarat lil Rawad Briga Abdelsalam ħati tal-akkużi miġjuba kontra

tiegħu u kkundannatu għall-piena ta' tmintax (18)-il sena priġunerija u dan apparti għall-ħlas tas-somma ta' sebat elef, mitejn u tnejn u tmenin Ewro u sitt centeżmi (€7,282.06) import ta' spejjez peritali inkorsi fil-kawza [konsistenti f'relazzjoni ta' Dr Mario Scerri €290.20, Dr George Debono €350, PC 813 u WPC 369 €667.17, Dr Marisa Cassar €4,517.04 u €283.20, Dr Abigail Bugeja €66.74, Dr Richard Sladden €524.32 u €583.20], a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat.

**9.** Rat ir-rikors tal-appell ta' Abdelsalam Rawad Briga, ppreżentat fl-4 ta' Marzu 2020, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tvarja u tirriforma s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi mogħtija mill-Qorti Kriminali kif presjeduta mill-Imħallef Dr. Giovanni Grixti, billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti li tirrigwarda l-ħtija fil-konfront tiegħu, tħassarha u tirrevokaha fil-parti tal-piena billi minflok il-piena inflitta tiġi mposta piena jew sanzjoni oħra li tkun aktar ekwa u ġusta fiċ-ċirkostsanzi tal-każ.

**10.** Rat l-atti u id-dokumenti kollha inklużi l-atti tal-kumpilazzjoni.

**11.** Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

**12**. Illi dan l-appell jirrigwarda limitatament il-piena li ġiet imposta fuq l-appellant mill-Qorti Kriminali wara li hu ammetta għall-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu fit-termini tal-artikolu 392B tal-Kodiċi Kriminali. Fil-fehma tal-appellant, jeżistu fatturi li meta meqjusa lkoll flimkien, jimmilitaw favur temperament fil-piena nflitta mill-Qorti Kriminali. Illi l-appellant iddikjara illi hu jisgħob bih għal għemilu u filwaqt li jifhem li għandu jħallas għall-aġir kriminali tiegħu, madanakollu jitlob il-klemenza ta' din il-Qorti. Jilmenta mill-fatt illi l-Ewwel Qorti tat importanza għal dak

li stqarret il-vittma Mariel Agius meta din qatt ma wriet interess fil-proċeduri u qatt ma ipparteċipat b'mod attiv fl-istess, tant illi kien biss fuq talba tal-Qorti Kriminali li hija intalbet tixhed qabel ingħatat is-sentenza. L-appellant jikkritika il-fatt illi l-Qorti Kriminali tbiegħdet mill-patteġġjament milħuq bejnu u bejn il-Prosekuzzjoni billi il-piena kif mifthiema kienet fuq l-istess binarju bħal pieni oħra li ġew erogati f'każijiet simili. Jgħid ukoll illi sabiex patteġjament jiġi skartat mill-Qorti irid ikun hemm raġunijiet validissimi sabiex dan isir. Dan iktar u iktar meta bil-fatt li jkun intlaħaq patteġġjament bejn l-akkużat u l-Prosekuzzjoni jiġi evitat ħafna xogħol u spejjeż żejda billi ma jsirx il-ġuri li jġib miegħu dewmien ulterjuri fil-proċeduri u fejn il-vittmi jerġgħu jgħaddu mit-trawma mill-ġdid.

**13.** Illi din il-Qorti, fil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji imqanqla mill-appellant, trid titlaq mill-premessa spiss affermata mill-qrati tagħna meta *si tratta* ta' appelli minn piena mogħtija wara ammissjoni mill-persuna akkużata, illi dik il-piena ma għandhiex tigi ddisturbata sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiġġi l-liġi. "Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi r-responsabilita` tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għal kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti, u Qrati oħra ta' appell, ma jidħlux f'eżami akkurat taċ-ċirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kinitx eċċessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat. In oltre l-ġurisprudenza tagħna wkoll tindika li m'hemm assolutament l-ebda garanzija jew obbligu fuq l-ġudikant sedenti li l-piena fil-konfront tal-akkużat li jkun ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu tiġi mnaqqsa għas-sempliċi fatt li hu jkun ammetta, dment dejjem li l-piena mposta tkun fil-parametri tal-liġi."[1]

[1] Ara fost oħrajn App. Inf. Il-Pulizija vs Omissis deċiż fit-23.01.13 (per Imħallef David Scicluna), App. Inf. Il-Pulizija vs Ryan Dimecch deċiż nhar l-4.11.2004, (per Imħallef Joe Galea Debono), App. Inf. Il-Pulizija vs Emanuel Magro deċiż nhar it-2.6.2004, (per Imħallef David Scicluna), App. Inf. Il-Pulizija vs Joseph Scerri deċiż nhar it-12.5.04 (per Imħallef David Scicluna), App. Inf. Il-Pulizija vs Salah Aldin M.bin Abdo Alslam deċiż nhar il-5.12.03 (per Imħallef Vincent Degaetano), App. Inf. Il-Pulizija vs Massimiliano Maurizio deċiż nhar it-13.11.03 (per Imħallef Joe Galea Debono), App. Inf. Il-Pulizja vs. Jeremy James Farrugia, deċiż nhar l-14.10.03 (per

**14.** Issa minn eżami tal-atti jirriżulta illi l-appellant għogbu jammetti għall-imputazzjonijiet kollha lilu addebitati quddiem il-Qorti Istruttorja u dan fit-termini tal-artikolu 392B tal-Kodiċi Kriminali. Illi din l-ammissjoni ġiet riaffermata mill-appellant quddiem dik il-Qorti u dan wara li ngħata żmien xieraq biex jirrikonsidraha. Minn hemm l-atti ġew rinvijati lil Avukat Ġenerali li fit-termini ta'l-imsemmija disposizzjoni tal-liġi ressaq nota quddiem il-Qorti Kriminali fejn iddikjara illi l-akkuża li saret quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja u li għaliha ammetta l-akkużat kellha titqies bħala Att t'Akkuża. Minn hawn il-funżjoni tal-Qorti Kriminali tkun unikament dik li teroga il-piena idoneja għaċ-ċirkostanzi tal-każ in segwitu għall-ammissjoni reġistrata mill-appellant, u allura l-funżjoni tagħha hija ċirkoskritta għal dak imfassal fis-sub-inċiz 4 għall-artikolu 392B u cioe' illi jew:

> **"....** ***ex officio*****, jew wara talba mill-Avukat Ġenerali jew mill-akkużat, tisma' dawk il-provi li jidhrilha li huma rilevanti għall-fini ta' piena, u, wara li tisma' s-sottomissjonijiet dwar il-piena mill-Avukat Ġenerali u mill-akkużat, tgħaddi 'l quddiem biex tagħti lill-akkużat dik is-sentenza li għandha tingħata skont il-liġi kontra l-akkużat li jinsab ħati tar-reat."**

**15.** Illi allura bis-setgħa mogħtija lilha f'din id-disposizzjoni tal-liġi, il-Qorti Kriminali ordnat illi qabel ma tgħaddi għas-sentenza tisma' lil vittma tiddeponi quddiemha, liema xiehda jidher li kellha piż fuq id-deciżjoni finali tagħha, u dan meta il-Qorti Kriminali stqarret fis-sentenza tagħha illi apparti li qieset deċiżjonijiet simili in materja, ħadet in konsiderazzjoni wkoll "**l-effett li dan id-delitt ħalla fuq wahda mill-vittmi Mariel Agius li spjegat lill-Qorti t-trawma li dan l-attentat halla fuq hajjitha apparti l-offizi permanenti fuqha**."

**16.** Dan ir-raġunament wassal lill-Ewwel Qorti titbiegħed mill-patteġġjament milħuq bejn l-akkużat u l-Avukat Ġenerali fit-termini ta'l-artikolu 392B(5) tal-Kodiċi Kriminali, setgħa li indubbjament għandha kull qorti ta' ġurizdizzjoni penali u cioe'

---

Imħallef Joe Galea Debono), App. Inf. Il-Pulizija vs Mark Mifsud deċiż nhar is-6.12.02 (per Imħallef Vincent Degaetano).

illi, fid-diskrezzjoni mogħtija lilha bil-liġi, tagħti dik il-piena oħra li fil-fehma tagħha tkun idoneja u xierqa għaċ-ċirkostanzi tal-każ, lil hinn minn kwalsiasi ftehim milħuq bejn il-partijiet, jekk ma tkunx sodisfatta li dan il-ftehim huwa wieħed leġittimu.

**17.** Illi l-Qorti Kriminali mhijiex obbligata tavża lil partijiet jekk hux ser taderixxi ruħha ma' tali patteġġjament jew jekk il-piena hijiex ser tiehu xi forma jew ohra. Dan maghdud, madanakollu mir-reġistrazzjoni tat-trattazzjoni magħmula fis-seduta tas-17 ta' Frar 2020, il-Qorti stqarret hekk:

> **"Kif tafu l-liġi ma tipprovdiex dwar meta l-Qorti ma taqbilx mal-patteġġjament f'kaz li kellha ma taqbilx."**

U dan stqarritu wara li *ex officio* semgħet lil vittma Mariel Agius tixhed, fejn din spjegat l-effetti fiżiċi u psikoloġiċi li ħalla r-reat fuqha. Jingħad ukoll illi llum l-artikolu 6 tal-Kapitolu 539 tal-Liġijiet ta' Malta, jagħti leħen lil vittmi tar-reati, meta d-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi *standards* minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, ġiet tramandata fil-qafas leġislattiv ta' pajjiżna. Illi din il-liġi tagħti il-jedd lil vittma tal-kriminalita' li tkun infurmata f'kull waqt tal-proċediment b'dak kollu li jkun qed iseħħ anke jekk din ma tkunx qed tipparteċipa b'mod attiv fil-kawża. B'hekk għandha tingħata "**kull informazzjoni li tippermetti il-vittma li tkun mgħarrfa bis-sitwazzjoni tal-proċedimenti kriminali**[2], u allura mhux biss illi tkun mgħarrfa bis-sentenza finali. Dan ifisser allura illi b'rispett lejn id-dritt komunitarju kif ġie traspost fil-ligi Maltija, kienet miżura ta' bwon sens illi l-Qorti Kriminali tagħzel li tisma' lil vittma qabel tiddeċiedi jekk għandhiex taderixxi ruħha mal-patteġġjament milħuq bejn l-appellant u l-Avukat Ġenerali, u dan setghet tagħmlu, kif ingħad, bis-setgħa mogħtija lilha bl-artikolu 392B(4) tal-Kodiċi Kriminali.

**18.** Illi allura din il-Qorti tqies illi l-Qorti Kriminali mxiet in konformita' ma' liġi li spiss u sfortunatament ma tiġix applikata bis-sħiħ, tant illi l-vittma f'dan il-każ ma

[2] Sub-inċiz 1(d) ghall-artikolu 6

jidhirx li rċeviet l-appogg li kienet tenħtieġ u għadha qed tbati mill-effetti psikoloġiċi kaġun ta' dan ir-reat fejn ġiet aggredieta bi vjolenza u sofriet grieħi serji. Dan għaliex:

> **"Il-kriminalità hija dannu kontra s-soċjetà kif ukoll ksur tad-drittijiet individwali tal-vittmi. Għalhekk, il-vittmi tal-kriminalità għandhom jiġu rikonoxxuti u trattati b'rispett u b'mod sensittiv u professjonali mingħajr diskriminazzjoni ....[3]"**

**19.** Illi allura meta l-appellant ammetta għall-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu b'mod xjenti u liberu, u meta kien debitament legalment assistit, huwa assuma r-responsabbilita' għal dik id-dikjarazzjoni u wkoll għal kull għemil kriminali minnu kommess kif addebitat lilu. Ħadd ma obbligah jagħmel dan; anzi x'aktarx li għazel din it-triq bit-tama li jibbenefika minn piena mnaqqsa stante l-ammissjoni tiegħu. Iżda ġaladarba huwa għażel liberament li jammetti, u ġaladarba l-Liġi tipprovdi li fil-każ ta' patteġġjament tal-piena l-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali jistgħu jiċħdu dik it-talba, issa ma jistax jilmenta mill-fatt illi l-Qorti ma qagħditx mal-ftehim milħuq bejnu u l-Avukat Ġenerali. Huwa kien jaf minn qabel li l-Qorti Kriminali kellha dik il-liberta' tal-ħsieb u manuvra; u kien jaf minn qabel li jekk jammetti, ma kellux xejn garantit għalih. Meta huwa għażel li jammetti għall-akkużi miġjuba kontra tiegħu huwa għamel dan bit-tama li l-ftehim bejnu u l-Avukat Ġenerali jiġi aċċettat; iżda fl-istess waqt kien jaf li huwa kellu jġorr ir-responsabbilta' sħiħa għall-ammissjoni tiegħu u l-konsegwenzi naxxenti minnha – kemm jekk il-Qorti tilqa' l-ftehim milħuq bejnu u l-Avukat Ġenerali dwar il-piena u kemm jekk le. Fil-fatt f'dan il-każ jirriżulta li l-Qorti Kriminali, minħabba raġuni motivata, ma qablitx mal-ftehim milħuq bejnu u l-Avukat Ġenerali dwar il-piena li kellha tiġi inflitta tant illi żiedet mal-*quantum* tal-piena patteġġjata tlett snin oħra. Mhux argument leġittimu li jingħad li din il-piena kienet b'xi mod inġusta minħabba li l-Qorti għażlet, kif kellha dritt tagħmel, li ma tilqax il-ftehim milħuq dwar il-piena bejn l-akkużat u l-Avukat Ġenerali. F'dan il-każ l-anqas ma huwa leġittimu l-argument li l-piena kienet eċċessiva, u dan peress li din il-piena imposta mill-Qorti Kriminali kienet fil-parametri tal-liġi u anzi, tenut kont taċ-ċirkostanzi gravi ta' dan il-każ, lanqas ma hi xi waħda oneruża żżejjed.

---

[3] Preambolu 9 tad-Direttiva

**"Fis-sistema penali taghna hadd m'huwa obbligat illi jammetti l-htija tieghu kemm jekk hu akkuzat quddiem il-Qrati tal-Magistrati, kif ukoll jekk permezz ta' Att ta' Akkuza quddiem l-Onorabbli Qorti Kriminali. Is-sistema legali taghna mhux biss tipprovdi ghal protezzjoni ta' l-akkuzat billi fl-ewwel lok tipprezumih innocenti sakemm misjub hati, imma taghmilha tassattiva li jekk ikun jixtieq ikun difiz permezz ta' avukat li jaghzel hu, li jekk m'ghandux mezzi biex jipprokura avukat dan jigi provdut lilu, u li, anke jekk wara li jinqrawlu l-akkuzi migjuba kontrih huwa jiddeciedi li jammetti, il-Qorti li tkun ma tistax tghaddi biex tirregistra l-ammissjoni ta' htija qabel ma twissih serjament dwar il-konsegwenzi li ggorr maghha tali ammissjoni, tispjegalu dak li hu necessarju li jigi spjegat, u ttih zmien wara li tistiednu biex jahsibha mill-gdid biex jara jekk iridx isostni l-ammissjoni tieghu jew jekk jippreferix illi jirtira dik l-ammissjoni u jikkontesta l-akkuzi migjuba kontrih, in toto jew in parte. Dan kollu qieghed fil-Kodici Kriminali ghaliex il-gustizzja hekk tirrikjedi, u certament id-disposizzjonijiet relativi jezistu fil-Kodici Kriminali taghna biex tigi tutelata l-gustizzja fil-process kriminali u anke d-drittijiet ta' l-akkuzat. Kif inghad l-akkuzat li jkun huwa liberu li jirrispondi jekk hux hati jew le ghall-akkuzi migjuba kontrih, u anke li ma jirrispondix[4].**

**20**. Imma hekk kif huwa jirreġistra dik l-ammissjoni irid joqgħod għal dik il-piena li l-qorti jogħġobha teroga fil-konfront tiegħu. Illi fuq kollox fil-komputazzjoni tal-piena, l-appellant kellu jitqies illi huwa reċidiv fit-termini ta'l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali b'piena allura li fil-massimu tista' tilħaq l-erbgħin sena priġunerija, biex b'hekk l-piena erogata mill-Qorti Kriminali aktar tqarreb lejn il-minimu tagħha.

**21.** Illi ukoll għalkemm l-appellant irreġistra ammissjoni, dan ma sarx fi stadju bikri tant illi l-Prosekuzzjoni kienet għalqet definittivament il-provi kollha tagħha. Jirriżulta inoltre li l-vittma Mariel Agius kienet għal xi żmien fil-periklu li titlef ħajjitha u kellha diffikultà li taħdem għal ftit xhur peress illi l-feriti minnha mġarrba wasslu sabiex hi tilfet il-vuċi tagħha, liema ċirkostanza ppreludietha milli tikkonduċi x-xogħol ta' interpretu li hi kienet tagħmel fiż-żmien mertu tal-każ.

[4] Ir-Repubbliku ta'Malta vs Carmel Attard deċiża fis-26 ta' April 2001

**22**. Illi allura hija l-fehma ta' din il-Qorti illi il-piena erogata mill-Qorti Kriminali hija waħda ġusta u ma tista' issib ebda motiv li jista' iwassalha titbiegħed mill-istess.

**23. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha**.

**S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**

**Onor. Imħallef Aaron Bugeja**